IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2024
COM(2024) 23 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar l-iskrinjar ta' investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{SWD(2024) 23 final} - {SWD(2024) 24 final}

ANNESS I

Proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni

1. Azzjoni preparatorja għat-tħejjija tal-programm il-ġdid tal-UE GOVSATCOM

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 58(2) punt (b) tiegħu (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).

2. Programm Spazjali

Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj).

3. Programm tal-Unjoni għal konnettività sigura

Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023–2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2053/oj).

4. Orizzont 2020 jinkludi programmi ta' riċerka u żvilupp skont l-Artikolu 185 tat-TFUE, u impriżi konġunti jew kwalunkwe struttura oħra stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-TFUE

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-20) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1291/oj).

5. Orizzont Ewropa, inklużi programmi ta' riċerka u żvilupp skont l-Artikolu 185 TFUE, u impriżi konġunti jew kwalunkwe struttura oħra stabbilita skont l-Artikolu 187 TFUE

Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj).

6. Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2021–2025

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-25 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 (ĠU L 167I, 12.5.2021, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/765/oj).

7. Networks Trans-Ewropej għat-Trasport (TEN-T)

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew

tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1315/oj).

8. Networks Trans-Ewropej għall-Enerġija (TEN-E)

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/347/oj).

9. Networks Trans-Ewropej tat-Telekomunikazzjoni [1]

Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/283/oj).

10. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj).

11. Programm Ewropa Diġitali

Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/694/oj).

12. Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża

Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1092/oj).

13. Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 58(2) punt (b) tiegħu (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).

14. Fond Ewropew għad-Difiża

Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj).

15. Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP, Act in Support of Ammunition Production)

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 se jinżamm f'dan l-Anness fid-dawl tal-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2021/1153 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014.

Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (ĠU L 185 24.7.2023, p.7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1525/oj).

16. L-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Akkwisti Komuni (EDIRPA)

Ir-Regolament (UE) 2023/2418 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-istabbiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) (ĠU L, 2023/2418, 26.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2418/oj).

17. Il-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/340/oj).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/995 tat-22 ta' Mejju 2023 li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L135, 23.5.2023, p. 123, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/995/oj).

18. Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/198/oj).

19. Il-programm l-UE għas-Saħħa

Ir-Regolament (UE) 2021/522 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi Programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (il-"Programm l-UE għas-Saħħa") għall-perjodu 2021–2027, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/522/oj).

20. Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, Important Projects of Common European Interest)

Deskritti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (2021/C 528/02) (ĠU C 528/10, 30.12.2021, p.10) kif imsemmi fuq is-sit web tas-servizzi tal-Kummissjoni.[2]

[2] https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/ipcei/approved-ipceis_en

ANNESS II

Lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni

1. Oġġetti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (lista komuni ta' oġġetti b'użu doppju soġġetti għal kontrolli tal-esportazzjoni)

2. Tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/CFSP li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea)

3. L-oqsma kritiċi tat-teknoloġija li ġejjin għas-sigurtà ekonomika tal-UE annessi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2113 tat-3 ta' Ottubru 2023 dwar oqsma kritiċi tat-teknoloġija għas-sigurtà ekonomika tal-UE għal valutazzjoni tar-riskju ulterjuri mal-Istati Membri:

   a. Teknoloġiji avvanzati tas-semikondutturi:

      - mikroelettronika, inklużi proċessuri
      - teknoloġiji fotoniċi (inkluż laser b'enerġija għolja)
      - ċipep ta' frekwenza għolja
      - tagħmir għall-manifattura tas-semikondutturi f'daqsijiet ta' nodi avvanzati ħafna

   b. Teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali:

      - computing ta' prestazzjoni għolja
      - cloud u edge computing
      - teknoloġiji tal-analitika tad-*data*
      - viżjoni tal-kompjuter, ipproċessar tal-lingwa, rikonoxximent tal-oġġett

   c. teknoloġiji kwantistiċi:

      - computing kwantistiku
      - kriptografija kwantistika
      - komunikazzjonijiet kwantistiċi
      - rilevament kwantistiku u radar

   d. Bijoteknoloġiji:

      - tekniki ta' modifika ġenetika
      - tekniki ġenomiċi ġodda
      - gene-drive
      - bijoloġija sintetika

   e. Teknoloġiji avvanzati ta' konnettività, navigazzjoni u diġitali:

- Komunikazzjonijiet u konnettività diġitali siguri, bħar-RAN & Open RAN (Network ta' Aċċess bir-Radju) u 6G
- Teknoloġiji taċ-ċibersigurtà inklużi s-sorveljanza ċibernetika, is-sistemi ta' sigurtà u ta' intrużjoni, il-forensika diġitali
- Internet tal-Oġġetti u r-Realtà Virtwali
- Teknoloġiji tar-reġistru distribwit u tal-identità diġitali
- Teknoloġiji ta' gwida, navigazzjoni u kontroll, inkluż l-avjonika u l-pożizzjonament marittimu

f. Teknoloġiji ta' rilevament avvanzati:
- Rilevament elettro-ottiku, bir-radar, kimiku, bijoloġiku, tar-radjazzjoni u distribwit
- Manjetometri, gradjometri manjetiċi
- Sensuri ta' kamp elettriku taħt wiċċ l-ilma
- Gravimetri u gradjometri

g. Teknoloġiji spazjali u ta' propulsjoni:
- Teknoloġiji ddedikati ffukati fuq l-ispazju, li jvarjaw mil-livell tal-komponent għal-livell tas-sistema
- Teknoloġiji tas-sorveljanza spazjali u tal-osservazzjoni tad-Dinja
- Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT, Space positioning, navigation and timing) Spazjali
- Komunikazzjonijiet siguri inkluża l-konnettività f'Orbita Dinjija Baxxa (LEO, Low Earth Orbit)
- Teknoloġiji ta' propulsjoni, inklużi teknoloġiji ipersoniċi u komponenti għall-użu militari

h. It-teknoloġiji tal-enerġija:
- Teknoloġiji ta' fużjoni nukleari, reatturi u ġenerazzjoni tal-enerġija, teknoloġiji ta' konverżjoni radjoloġika/arrikkiment/riċiklaġġ
- Idroġenu u fjuwils ġodda
- Teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi l-fotovoltajċi
- Grilji u ħżin tal-enerġija intelliġenti, batteriji

i. Robotika u sistemi awtonomi:
- Droni u vetturi (tal-ajru, tal-art, tal-wiċċ u ta' taħt l-ilma)
- Robots u sistemi ta' preċiżjoni kkontrollati mir-robots
- Eżoskeletri
- Sistemi bbażati fuq l-IA

j. Teknoloġiji avvanzati tal-materjali, tal-manifattura u tar-riċiklaġġ:

- Teknoloġiji għan-nanomaterjali, materjali intelliġenti, materjali taċ-ċeramika avvanzati, materjali tal-ħabi, materjali sikuri u sostenibbli skont id-disinn
- Manifattura addittiva, inkluż fuq il-post
- Manifattura ta' mikropreċiżjoni diġitali kkontrollata u mmaxinjar/iwweldjar bil-laser fuq skala żgħira
- Teknoloġiji għall-estrazzjoni, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika (inkluż l-estrazzjoni idrometallurġika, il-bijolessija, il-filtrazzjoni bbażata fuq in-nanoteknoloġija, l-ipproċessar elettrokimiku u l-massa sewda)

4. Mediċini kritiċi elenkati: Mediċini għall-użu mill-bniedem li huma essenzjali għall-funzjonament xieraq tas-sistema tal-kura tas-saħħa tal-UE u li n-nuqqas tagħhom iwassal għal interruzzjoni fit-trattament u b'hekk għal ħsara serja lill-pazjenti, kif elenkati fil-lista tal-Unjoni għall-mediċini kritiċi[3].

5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni: kontropartijiet ċentrali[4], sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament[5], istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi[6], operaturi tas-suq u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat[7], depożitarji ċentrali ta' titoli[8], emittenti sinifikanti ta' tokens referenzjati għall-assi jew tokens tal-flus elettroniċi u fornituri ta' servizz ta' kripto-assi li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal kripto-assi[9], istituzzjonijiet kbar[10], fornituri globali ta' servizzi ta'

---

3 Lista tal-Unjoni ta' mediċini kritiċi https://www.ema.europa.eu/en/human-regulatory-overview/post-authorisation/medicine-shortages-and-availability-issues/availability-critical-medicines#ema-inpage-item-64278

4 L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.

5 L-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj .

6 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p.7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.

7 L-Artikolu 4(1)(18) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.

8 L-Artikolu 2(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

9 L-Artikoli 3(1)(6), 3(1)(7) u 3(1)(10), 3(1)(15) u l-Artikolu 3(1)(18) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p.40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

10 L-Artikolu 4(1)(146) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

messaġġi finanzjarji speċjalizzati u fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT[11].

[11] L-Artikolu 3(23) tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj.